KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u tletin (37), tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, li nżammet nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu, 2015 fis-6.38pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

1. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati u ffirmati skont il-korrezzjonijiet li xtaqu jagħmlu l-kunsillieri kif muri fuq il-kopja oriġinali u kienu inizjalati fejn kull korrezzjoni.

2. Charlene Zammit tagħat kopja tal-ġurament tal-kariga ta' Sindku tagħha lis-SE. Intant il-ġurament tal-ħatra għadu ma tteħidx minn Anita Farrugia u Grace Marie Mallia.

3. Paul Spiteri peress li kien assenti fil-laqgħa preċedenti, ingħaqad mal-kunsillieri l-oħra fejn irringrazzja lis-Sur Nicholas Briffa tax-xogħol li wettaq fir-raħal u wiegħed l-appoġġ tiegħu lil Charlene Zammit u awgura lil Grace Marie Mallia bħala Deputat Sindku u lil Anita Farrugia bħala kunsillier.

4. Charlene Zammit xtaqet tagħmel Quddiesa ta' ringrazzjament għall-ħidma li wettaq Nicholas Briffa matul is-snin, għall-ħabta ta' Mejju, filwaqt li qalet illi għandna navviċinaw lill-qraba tiegħu dwar din il-proposta.

5. Charlene Zammit qalet illi għad fadal xi fanali dekorattivi ta' Triq Karmenu Ciantar maqtugħin u hemm bżonn li jinbidlu l-lampi tagħhom, filwaqt li fil-Pjazza tal-Knisja jidher illi hemm lampa maqtugħa quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali.

6. Se jkun verifikat illi l-lampa rrappurtata imdawwra fi Triq Ħal Kirkop ġietx irranġata mill-Korporazzjoni Enemalta. Dik irrappurtata kienet it-tielet waħda minn naħa taż-Żurrieq, filwaqt li se nippruvaw inkabbruha ħalli tagħti aktar dawl.

7. Kunsillier qal li qed iċempel sid il-barriera li fiha hemm impjant tar-riċiklaġġ tal-vetturi f'Tar-Robba, bi proposta illi minn butu jqabbad mal-linja tal-gvern dwal addizzjonali permezz ta' rifletturi li jagħtu għal fuq ir-residenza tiegħu minn fuq arbli tad-dawl li diġa' hemm fil-post. Is-SE qal li probabbilment ikun jinħtieġ illi l-KLM japplika mal-Korporazzjoni Enemalta, filwaqt li talab *site plan* u ritratt tas-sit.

8. Dwar kaxxi tal-kartun li qed jintefgħu kuljum fit-toroq speċjalment minn tal-ħwienet u wkoll mhux quddiem biebhom, il-KLM iddikjara li din hija xi ħaġa inaċċettabbli, filwaqt li Paul Spiteri qal illi għandna nibgħatu ittra lil kull ħanut u ninfurmawh illi dawn qed itiru bir-riħ u qed iħammġu l-ambjent. Għalhekk għandna nissuġġerixxu li jinvestu fi *trolley* tal-ħadid li jpoġġuh wara biebhom ħalli jieħdu miżura ta' prekawzjoni u hekk il-kartun ma jtirx sakemm jinġabar mill-kollettur tal-iskart.

9. Lampi ġodda oħra semmewhom Charlene Zammit u Paul Spiteri fi Triq tax-Xatba l-Ħamra. Is-SE qal li hekk kif ikollna ir-ritratti u s-*site plan*, napplikaw bħas-soltu mal-Korporazzjoni Enemalta.

10. Wara li nqatgħet il-provista tal-elettriku nhar il-Ħamis, 26 ta' Frar, filgħaxija, Charlene Zammit ċemplet lis-SE u infurmatu li konsegwentement, il-PABX ġarrbet ħsarat u fl-uffiċċju m'għandniex linja telefonika. Hija ġabet stima ta' €537 filwaqt li s-SE matul il-laqgħa induna illi kien hemm il-*live streaming* u CCTV tal-uffiċċju wkoll mhux jaħdmu. Dak il-ħin stess is-SE irnexxielu jqabbad is-CCTV iżda mhux il-*live streaming* tal-laqgħa u ċempel resident fuq it-*telephone set* ta' Valerie Galea li ġibdilna l-attenzjoni illi l-laqgħa mhux qed tkun live *streamed.*

11. Dwar l-iskema tal-proġetti kapitali, biex is-Sindku u s-SE irnexxielhom iġibu stima għat-tisqif tal-ġibjun mingħand il-Perit William Lewis~~,~~ ħadu battikata sħiħa minkejja l-estensjoni li ta c-*Chairman* tal-Board tal-għażla ta' dawn il-proġetti. Hawn is-Sindku qalet illi s-*surveyor* tal-perit kien marid filwaqt li fil-frattemp ktibna lill-istess *Chairman* u elenkajna l-benefiċċji li se tgawdi minnhom il-lokalita' jekk jissaqqaf dan il-ġibjun.

12. Michel Farrugia staqsa lis-SE jekk it-*trailer* li kien irrappurtat li qed jokkupa biċċa art quddiem iċ-ċimiterju tneħħiex jew le. Is-SE qal li saru żewġ tentattivi minn dan l-uffiċċju fejn twaħħlu notifiki ta' twissija li se jkun ittowjat, madankollu jekk dan ix-xogħol ma jagħmluhx il-pulizija, l-KLM m'għandux mezzi biex jagħmel dan. Sadanittant, is-SE kien mitlub jerġa' jittratta l-każ mal-pulizija.

13. Paul Spiteri qal li sfortuntatament fir-raħal tagħna kienet qed terġa' tqum mewġa ta' serq, u nsteraq il-Każin tal-Futbol, u nsterqu wkoll xi oġġetti minn karozza li kienet quddiem il-Petshop fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Dwar dan se ninfurmaw lill-pulizija ħalli ssir aktar sorveljanza.

14. Is-Sindku qalet illi hemm lok li nagħmlu laqgħa mar-residenti li joqogħdu wara il-ġibjun għaliex fuq il-paġna li għandhom fuq *facebook* qed jingħadu ħafna affarijiet li tajjeb li jieħu konjizzjoni tagħhom il-kunsill lokali ħalli fejn huwa possibbli, nieħdu azzjoni. Hija ssuġġeriet illi l-KLM jżomm din il-laqgħa fis-sit, filwaqt li s-SE qal li mil-laqgħa preċedenti s'issa, il-ħaddiema tal-IPSL u l-CWS wettqu xogħol ta' manutenzjoni mad-dawra tal-ġibjun minkejja li hemm postijiet minnhom fejn ix-xibka ma tistax titranġa qabel prattikament jitbattal il-ġibjun, għaliex il-ħadid tagħha jinsab mgħarraq fl-ilma. Charlene Zammit qalet illi parti mis-soluzzjoni tal-ġibjun hija li nneħħu l-ilma kif jixtiequ l-istess residenti, filwaqt li xi kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li biex dan isir iridu jintefqu ħafna flus, u l-ġibjun jerġa' jimtela malli tagħmel ħalba xita. Charlene Zammit qalet illi l-aħjar ħaġa tkun li nkellmu lill-Ministru Leo Brincat biex nippruvaw insibu soluzzjoni għall-ġibjun.

15. Grace Marie Mallia issuġġeriet illi l-ħarġiet għal Għawdex din is-sena għandhom ikunu nhar it-13 u l-20 ta' Mejju. Għal din il-proposta ma kien hemm l-ebda' oppożizzjoni u se nibdew naħdmu sabiex bħas-snin li għaddew, dawn ikunu suċċess.

16. Is-Sindku issuġġeriet illi l-*Week End Break* jinżamm f'April, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet illi f'dawk iż-żminijiet il-prezz se jkun għoli. Intant Charlene Zammit qalet illi se nippruvaw nagħmluh ~~nhar~~ mis-17 sad-19 ta' April, bi~~l~~l-€75 kull persuna.

Din id-data kienet proposta fid-dawl illi fil-5 ta' April, ikun l-Għid il-Kbir u fil-11 ta' April hija l-ġurnata tal-elezzjonijiet tal-KLi u r-referendum dwar il-kaċċa.

17. Kien hemm diskussjoni fuq id-dettalji tal-*Coffee Morning* li se jorganizza l-KLM fl-Iskola Primarja nhar is-Sibt li ġej. Is-SE qal li hemm ibbukkjati madwar 70 ruħ s'issa filwaqt li qed nistennew li jiġu aktar nies. Hawn saru xi mistoqsijiet bħal jekk it-tfal humiex eliġibbli, jekk jistgħux jiġu nisa minn barra r-raħal, jekk hux se ntuhom platt bl-ikel, x'se jagħtina bħala sponsor il-*Maypole*, ir-*raffle*, it-tombla, il-qronfla, il-mimosa, il-kiri tal-imwejjed, il-ħobż, il-*boiler,* il-ħinijiet tal-ftuħ tas-sala bejn is-7:00am u l-għeluq tagħha fis-2:00pm, it-tindif, jekk hux se nħallsu għalih mal-purtinar jew jekk hux se jsir bil-volontarjat ecc.

18. Charlene Zammit qalet illi hija xtaqet torganizza Festa Ravjul b'kollaborazzjoni ma' Inspire u ma' *2 Minds Events* – organizzaturi ta' bosta avvenimenti fil-gżejjer Maltin. Hija qalet illi dawn l-istess organizzaturi kienu l-imħuħ wara il-Malta *records*, u bħala kumpanija jorganizzaw bosta attivitajiet bħal Festa Bebbux li *2 minds events* se jorganizzawha b'kollaborazzjoni ma' Kunsill ieħor. Hija ltaqgħet ma' Alfred minn *2 Minds Events* u tkellmet miegħu biex Festa Ravjul tiswa lill-Kunsill €700 minflok €1,400 li talbuna oriġinarjament. Il-KLM approva unanimament din l-ispiża filwaqt li l-kunsillieri segwew il-filmat ta' festa ravjul li ssir *f'Casal Fiumanese*, f'Bologna. Dawn jagħmlu festa bir-ravjul ħelu u jippakjawh f'boroż u jwaddbuh għal isfel minn fuq torri fiċ-ċentru tar-raħal tagħhom. Il-ħsieb hu li din issir fl-Imqabba wkoll, u dawk li jixtiequ jieħdu sehem u jilqgħu ir-ravjul ħelu li jitwaddab fil-pjazza tar-raħal jagħtu donazzjoni għall-fondazzjoni *Inspire,* nhar il-25 u s-26 ta' April. Kien hemm diskussjoni dwar jekk il-każini għandhomx jarmaw *bar*, jekk il-KLM għandux jagħmel *stall* tal-ħelu, jekk 25% tal-qliegħ ta' *bar* komuni mmexxi mis-soċjetajiet mużikali għandux imur għand is-soċjetajiet u jekk il-*bars* tal-każini humiex se jitħallew jagħmlu ir-ravjul fil-każini rispettivi tagħhom, jew xi ikel ieħor. Grace Marie Mallia qalet illi minħabba li l-kampnar tal-knisja jinsab quddiem il-każin tal-Madonna tal-Ġilju, hija ma taqbilx li jintefa' xi ħaġa minn fuqu. Intant Charlene Zammit qalet illi għandna mhux biss naraw li l-palk ikun armat fi Triq Karmenu Cianter fejn il-latrina, iżda l-każini għandhom jiftħu l-galleriji tagħhom u jintefa' r-ravul minn hemm.

19. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru ___b'żieda magħha miktuba bil-pinna tal-ammont li fadal dovut lill-Polidano Bros għat-tiswija tas-soqfa tal-Isptar il-Qadim fost l-oġġezzjoni ta' Michel Farrugia li qal illi mhux ġusta li l-perit iqaċċat mill-kont 5% *f'contract management fees.* Hawn is-SE qal illi fid-dawl illi ma kien hemm l-ebda tender, l-ebda ftehim uffiċjali fuq ir-rati u wkoll ċertifikazzjoni tal-perit li hija normali li tkun ta' 5% anke saħansitra fuq manutenzjoni ta' toroq, hu ma jistax jibdel l-ammonti ċertifikati.

20. Paul Spiteri qal li nhar l-14 ta' Marzu se jiġi fil-każin tal-futbol tal-Imqabba, l-eks *player* internazzjonali tal-Inter, Ivan Cordoba, flimkien mas-Segretarju Parlametari Chris Agius. Din l-inizjattiva ser issir biex jinġabru flus anke permezz tal-maratona bir-roti, li s-soltu ssir fil-Liċeo tal-Ħamrun, b'kollaborazzjoni mal-Isponsor Zanetti u *Technoline* biex jinxtraw *Defibrillators*, u jitqassmu b'xejn lill-*clubs.* Għaldaqstant hu stieden lil kulħadd biex jattendi għal dan l-avveniment.

21. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex il-Kunsill Lokali jeżiġi li jitnaddfu l-*istages,* speċjalment dak tal-Pjazza tal-Knisja, filwaqt li għandna nistaqsu lill-*Transport Malta* meta se jkunu konfermati u jiġu fis-seħħ ir-rotot il-ġodda tat-trasport pubbliku.

22. Paul Spiteri talab li titwaħħal U-Shape barrier quddiem Bertu ta' Julia fejn hemm il-*yellow line* fi Triq Valletta filwaqt li Anita Farrugia enfasizzat biex il-parking f'din it-triq ikun regolat.

23. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 u dik li jmiss se ssir nhar is-17 ta' Marzu, 2015 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*17/03/2015 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |